NEWSPAPER POST

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Settembru - Ottubru 1987 Nru. 38

# IL-FESTA

Il-Festa ta' San Ġorġ patrun t'Għawdex li ġiet ċelebrata f'Lulju li għadda fil-Belt Victoria kienet waħda li ħalliet lil kulħadd sodisfatt bl-eżattezza fl-organizzazjoni kif ukoll bil-mod dinjituż li bih tmexxiet il-festa kollha. Rigward il-funzjonijiet fil-Bażilika ta' min isemmi ż-żjara tal-Kardinal Castillo Lara, żewġ quddiesiet solenni ta' saċerodti Novelli, serata ta' kant u kultura bis-sehem taż-żewġ korijiet tal-paroċċa flimkien mal-poeti Ġorġ Pisani u l-Kan Joe. Mejlak kif ukoll b'diskors tal-Wisq Rev. Prof. Dun Lawrenz Sciberras, attivitajiet ta' natura pastorali u l-esekuzzjoni tal-mużika tant apprezzata, kemm fil-jiem tat-Tridu kif ukoll fil-quddiesa pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.

Dwar il-festi ta' barra nistgħu nsemmu fost kollox ix-xogħol eċċellenti ta' restawr li sar fuq il-pedestali ta' Triq ir-Repubblika, xogħol li qanqal l-għira f'dawk dilettanti ta' ħwejjeġ bħal dawn. Din is-sena kellna wkoll biċċa xogħol oħra kbira għall-festa. Din kienet l-istatwa ġdida ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel li żżanżnet fil-marċ brijuż minn Triq Għajn Qatet sa Misraħ San Ġorġ nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 1987. Din l-istatwa, li kompliet kabbret il-festa tagħna, nħadmet mill-istatwarju Għawdxi il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi li ħaqqu tabilħaqq kliem ta' tifħir. J'Alla bil-ħidma tagħna lkoll inkomplu nagħmlu mill-festa tal-patrun tagħna u t'Għawdex San Ġorġ l-iktar festa popolari fost il-Maltin u l-Għawdxin.



San Ġorġ fuq iż-Żiemel, xogħol l-istatwarju Alfred Camilleri Cauchi

### Il-Kelma ta' l-Arċipriet:

# TIĠDID MIXTIEQ

Meta tiġi f'idejkom din il-ħarġa, inkunu erġajna lura mill-villeġġjatura, u nkunu erġajna bdejna r-ritmu tal-ħajja li kulma jmur iżid fil-għaġġla tiegħu. Diversi laqgħat li matul is-sajf kienu waqfu, jerġgħu jibdew: hekk per eżempju il-laqgħat ta' l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għall-irġiel, dawk tat-tieni Erbgħa għan-nisa, dawk ta' kull Ħmistax, Ħadd iva u Ħadd le għall-għarajjes, ecc. Jiena ċert li l-attendenza għal dawn il-laqgħat terġa' tkun sodisfaċenti bħal dik tas-sena li għaddiet.

Iżda l-ħajja fil-parroċċa ma tikkonsistix biss fil-laqgħat. Iridu jsiru ħafna laqgħat ta' organizzazzjoni, minn diversi kumitati parrokkjali. Ilkoll kemm aħna konvinti li s-suċċess tal-ħidma fil-parroċċa qiegħed f'kemm jaħdmu dawn il-kumitati, id f'id mal-Kunsill Parrokkjali u l-Presbiterju Parrokkjali.

B'dan il-għan, f'dawn il-jiem qegħda ssir il-għażla ta' persuni, biex jiffurmaw parti mill-Kumitat tal-Liturġija, tal-Kateketika, u tal-Promozzjoni Umana, kif ukoll,ser isir tiġdid fil-membri li jiffurmaw parti mill-Kunsill Parrokkjali.

F'dan il-mument nitlob mingħandkom dan li ġej:

- *Talb lil Alla sabiex jintagħażlu l-persuni l-iżjed addattati u li kapaċi jagħtu sehem kbir fil-ħajja tal-parroċċa;*
- *Li f'każ li xi ħadd minnkom jiġi avviċinat minni jew minn xi persuna f'ismi, biex jifforma parti minn xi kumitat imsemmi, ma jibżax, ma jistħix, u ma jfarfarx iżda jaċċetta l-istedina li tkun saritlu;*
- *Jekk toħss li tista' tagħti s-sehem tiegħek għall-ġid tal-parroċċa, nitolbok sabiex tavviċinani u nitkellmu flimkien dwar il-kontribut tiegħek għall-parroċċa.*

Għalhekk: il-parroċċa qed issejjaħlek; kun ta' servizz għaliha. Il-ħidma li twettaq b'risq il-parroċċa hija ħidma imbierka minn Alla.

*L-Arċipriet*

**CALYPSO FAIR '87**
***fl-Astra***
**8, 9, 10 ta' Ottubru 1987**

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

*Editorjal*

# WARA L-MISTRIEĦ

Meta tasal f'idejkom din il-ħarġa tar-Rivista tagħna jkunu waslu fi tmiem il-ġranet ta' mistrieħ li ħafna jkunu qed jistennew. Kulħadd jerġa' jibda l-ħajja normali, kulħadd jirritorna għax-xogħol, l-iskejjel jiftħu l-bibien tagħhom u l-belt Victoria terġa' tibda sena soċjali oħra.

Tajjeb li f'dawn l-ewwel jiem wara l-mistrieħ tagħna nitħeġġu biex nagħtu sehem ikbar fil-parroċċa tagħna. Ħafna huma dawk li jmiddu għonqhom għax-xogħol u kultant tarahom jagħtu iktar milli jifilħu, iżda oħrajn minħabba ċerta bruda jibqgħu lura. Jeħtieġ għalhekk li lkoll kemm aħna nitħeġġu biex inkunu minn ta' quddiem f'dak kollu li jsir għalina fil-parroċċa.

Kif qalilna tajjeb Mons Arċipriet fil-messaġġ tiegħu għal din il-ħarġa, ħafna u ħafna jiddependi mill-ħidma li jagħtu l-membri tal-Kumitati mwaqqfa fi ħdan il-parroċċa. Għalhekk hemm bżonn li jkollna iktar individwi li bil-qalb u bl-imħabba jgħinu fi ħdan dawn il-kumitati biex il-ħidma tagħhom tikber u tilħaq aktar u aktar it-frutijiet kollha tal-parroċċa.

## L-Emigranti Tagħna

Matul il-jiem tal-festa ta' San Ġorġ kellna fostna bosta u bosta emigranti li ġew iqattgħu vaganza f'Għawdex u jżuru l-familjari tagħhom. Il-koll kemm huma kellhom kliem ta' tifħir għar-rivista tagħna li tasal għandhom fl-Amerika, il-Kanada jew l-Awstralja bl-ajru hekk kif tkun pubblikata. Ħafna minnhom ukoll ħallewlna donazzjoni b'riżq ir-rivista u ta' dan inroddulhom ħajr.

Nixtiequ nżidu kelma lill-dawk l-emigranti li jirċievu r-rivista tagħna. Inkunu grati ferm jekk kull min jirċievi r-rivista jgħidilna b'xi emigranti oħrajn li m'humiex jirċevuha. Għalina jkun biżżejjed l-indirizz tagħhom u dawn ukoll jibdew jirċevuha bħal sħabhom. B'hekk żgur li l-ħolqa li nħolqot permezz tar-rivista tagħna tkompli tagħqad magħha oħrajn li għalina minn Għawdex mhux possibbli li nkunu nafuhom. Dan l-appel jgħodd għall-familjari ta' emigranti mill-parroċċa tagħna li forsi għandhom lil xi ħadd li mhux jirċievi r-rivista. L-iskop tagħna mhux li niġbru l-flus, imma li nżommu rabta ma dawk ħutna Ġorġjani li minħabba x-xogħol kellhom iħallu lil gżiritna.

Aħna ċerti li kull emigrant jieħu gost jirċievi din ir-rivista għax barra li jiftakar f'art twelidu u fil-parroċċa tiegħu jsib ukoll fiha tagħlim siewi għall-ħajja. Dan żgur minnu u persważi li qed jiġi apprezzat.

## MAGĦMUDIJIET

28-6-87:
KARL iben Mariano Zammit u Georgina neè Grech
28-6-87:
LARISSA bint Carmelo Axiaq u Josephine nee Attard
5-7-87:
JOSEPH iben Carmelo Farrugia u Josephine neè Grima
12-7-87:
CHRISTOPHER iben Emanuel Mizzi u Maria neè Tabone
12-7-87:
JAMES iben George Cini u Maria Regina neè Tabone
12-7-87:
MANWEL iben Michael Attard u Theresa neè Tabone
12-7-87:
SARAH bint Thomas Casha u Carmela neè Micallef
15-7-87:
GEORGE-JAMES iben George Cutajar u Doreen neè Axiaq
16-7-87:
ANTHONY- GEORGE iben Mario Attard u Samantha neè Sharp
21-7-87:
STEPHANIE bint Saviour Fenech u Maria neè Farrugia
25-7-87:
ELAINE bint Joseph Falzon u Anna neè Borg
26-7-87:
JOSEPH iben Michael Mizzi u Lina neè Grech
9-8-87:
NADINE bint Mario Mizzi u Liliana neè Fenech
15-8-87:
MARK iben Domenic Formosa u Josephine neè Tabone
22-8-87:
CHRISTIAN-MARIO iben Joseph Apap u Rita neè Vella
22-8-87:
ANDREW iben Joseph Formosa u Maria neè Galea
23-8-87:
TREVOR FRANK iben Joseph Portelli u Rita neè Vella
26-8-87:
ANNA bint M'Angelo Saliba u Antonia neè Cassar

## IMWIET

28-6-87:
Maria Assunta Camilleri
28-6-87:
Francesco Mallia
13-8-87: Teodora Galea

## Żwiġijiet

25-7-87:
Anthony Zammit - Noemi Said
8-8-87:
David Bell - Joan Saliba

## Ħinijiet tal-Quddies fil-Għaxija f'Ottubru

*Ħdud u Festi:* ***4.00p.m. u 5.30p.m.***
*Matul il-Ġimgħa:* ***5.00 p.m.; Fis-6.00 p.m. Rużarju meditat u quddiesa fis-6.30 p.m.***

*Sena Marjana*

# TRON TAL-GĦERF

Insellimlek, O Marija,
Għerf li ma jitfissirx,
għax fik għammar l-istess Għerf,
id-Dawl li jdawwal lid-dinja u l-imħuħ.

Insellimlek, o Marija,
u mimli bil-kuraġġ
nerfa' ħarsti lejk,
u nitolbuk
iddawwal il-moħħ tat-tfal ċkejknin tagħna.
Ieqaf magħhom int,
agħtihom dak kollu li huma għandhom bżonn.

Ieqaf, o Marija,
mal-ġenituri kollha,
għinhom int,
fil-ħidma iebsa li huma għandhom
li jtellgħu l-uliedhom kif irid Alla.
Dawwlilhom lil moħħhom
kebbsilhom il-qalbhom,
kun int it-tama
għalihom ilkoll.

Ieqaf o Marija,
maż-żgħażagħ tagħna.
Imla' lil qalbhom bil-ferħ,
dak il-ferħ li mela' lil qalbek.
Agħtihom lil Ibnek,
saħħarhom warajk,
biex f'dawlek jagħrfu
lil min iridilhom il-ġid.



Il-Kwadru tal-Madonna bit-Titlu "Sedes Sapientiae" li jinsab fis-sagristija tal-Bażilika tagħna.

Kun int, o Marija,
il-għerf bid-deċiżjonijiet
kollha tagħna.
Għinna niddeċiedu kif trid int,
għax hekk biss
inserrħu moħħna
li d-deċiżjoni hija tajba.



*Il-prospettiva ta' l-artal ta' San Ġużepp wara li ġiet indurata mis-Sur Ġużeppi Sagona li ħa ħsieb ukoll jnaddaf sewwa il-kwadru, xogħol ta' G. Calì*

## *Induratura fin-Navi tal-Bażilika*

Lejliet il-Festa ta' San Ġorġ, Nhar is-Sibt 18 ta' Lulju 1987 Mons Isqof Nikol Cauchi bierek l-induratura li saret fin-navi tal-Bażilika tagħna fil-kappella ta' San Ġużepp u fil-Kappella ta' Santa Katerina. Dan ix-xogħol sar mis-Sur Ġużeppi Sagona. Preżenti għaċ-ċerimonja tat-tberik kien hemm il-benefattur ta' l-induratura fil-kappella ta' Santa Katerina, Dr. Alexander Cachia Zammit u s-Sinjura tiegħu. Ix-xogħol ta' l-induratura fil-kappella ta' San Ġużepp tħallset minn diversi benefatturi li lilhom u lil Dr. Cachia Zammit nirringrazzjaw mill-qalb. Huwa pjaċir tagħna nħabbru li żewġ benefatturi oħra ġa taw il-flus meħtieġa biex tiġi ndurata l-prospettiva ta' l-Artal ta' San Pawl, xogħol li ser jinbeda ma jdumx.

## *Ħamsin Ċenteżmu Biss*

Bħalma għamilna s-sena l-oħra qed nitolbu lil kull minn jirċievi din ir-rivista l-offerta ta' ĦAMSIN ĊENTEŻMU. Offerta ċkejkna li tgħin ħafna biex intaffu ftit l-ispejjeż tagħha. Uża l-envelope li għandek mar-rivista u għaddieħ bl-offerta tiegħek lil min iġiblek ir-rivista jew ħallieh fl-Uffiċċju Parrokkjali. Tista' ukoll titfgħu waqt il-ġabra tal-qassis f'xi quddiesa.
*Offerta ta' ħamsin ċenteżmu darba f'sena biss għall-rivista li tiswa ħafna aktar.*

# IS-SAĊERDOT... IL-MAGĦŻUL TA' ALLA



***L-Omelija li l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Rosalio Castillo Larra għamel fil-Bażilika tagħna s-Sibt, 4 ta' Lulju 1987 waqt Konvelebrazzjoni Pontifikali li fetħet il-Festi ta' San Ġorġ u li matulha ġie ordnat saċerdot, is-Sależjan Dun Fabio Attard.***



*Reverendissimu Arċipriet, Reverendissimi Kanoniċi, Reverendi Saċerdoti, Onorevoli Ministru, Ħuti f'Ġesù Kristu,*

*Ippermettuli, qabel xejn, inwieġeb għad-diskors ta' merħba li għamilli Monsinjur Arċipriet u nirringrazzja lit-tifla ċkejkna li offrietli l-fjuri mal-wasla tiegħi. Nirringrazzjakom mill-qalb għal din il-laqgħa kordjali u mimlija ħeġġa; laqgħa li turi t-tjubija u l-fidi soda ta' dan il-poplu. Qabel ġejt hawn, propju ġimgħatejn ilu, kont fejn il-Papa minħabba d-doveri ta' l-uffiċċji tiegħi, u għidtlu li ser niġi Għawdex biex nordna saċerdot lill-djaknu żgħażugħ. Jien tlabt lil Papa l-awtorità li nberikkom f'ismu. Hu laqa' bil-qalb it-talba tiegħi u talabni nwassal ix-xewqat sbieħ tiegħu lilkom li tinsabu tant għal qalbu.*

*Ġejt fostkom, mhux biss bħala Kardinal tal-Knisja Rumana, imma ġejt fuq kollox bħala Sależjan, iben Don Bosco, u għalhekk magħqud ma din il-Kongregazzjoni li jien nqis bħala omm u li minn għandha rċevejt ħafna. Ġejt fostkom biex nikkonsagra Saċerdot lil Fabio, Sależjan żgħażugħ. Il-kliem ta' Monsinjur Arċipriet laqatni ferm għax għaqqad il-ħamsa u għoxrin anniversarju tas-Sorijiet Sależjani f'Għawdex mal-ftuħ tal-festi ċentinarji mill-mewt ta' Don Bosco. Żewġ avvenimenti ta' ferħ li magħhom inżid ukoll lil-ftuħ tal-festi solenni f'ġieħ San Ġorġ Martri, padrun qawwi ta' din il-Bazilika meravilljuża.*

*Il-ħamsa u għoxrin anniversarju ta' Ulied Marija Awżiljatriċi f'Għawdex u ċ-Ċentinarju mill-mewt ta' Don Bosco ma setax ikollhom ftuħ isbaħ u aħjar mill-ordinazzjoni saċerdotali ta' sależjan. Għal Don Bosco, l-għoti ta' saċerdoti lill-Knisja kienet il-preokkupazzjoni ewlenija tiegħu. F'din l-art Għawdxija mbierka minn Alla, minn fejn ħarġu tant saċerdoti u missjunarji, il-familja Sależjana flimkien ma' Ulied Marija Awżiljatriċi bil-kariżma u t-tjubija tagħhom żgur li jkomplu jgħinu aktar vokazzjonijiet.*

*U issa ndawwar ħarsti lejn Fabio biex infakkar lilu u lilna Saċerdoti fid-dmirijiet saċerdotali u l-kobor ta' l-ordinazzjoni. Minn hawn u ftit ieħor ser nassistu għall-spettaklu kbir, li ma jidhirx bil-għajnejn tal-ġisem, imma, li fil-għajnejn tal-fidi tagħna hu avveniment straordinarju. Dan iż-żgħażugħ ser isir saċerdot. Ser ikun konsagrat minn idejja u ħajtu ser tkun deċiża għal dejjem. Il-vokazzjoni tiegħu, li bħal stilla mexa warajja mindu kien żgħir, qalb kull diffikultà kienet fidila u perseveranti u l-lejla ser tiġi konfermata. Hu, il-magħżul tal-Mulej, jibqa' għal dejjem saċerdot.*

*Kemm hu ta' unur u ta' ferħ għal Fabio li jara mitmuna x-xewqa tiegħu, il-vokazzjoni, ir-risposta li ta lis-Sinjur Alla meta talbu biex jimxi warajh! Kemm hu ta' unur u ta' ferħ għall-ġenituri tiegħu, għal ħutu, u għall-familjari kollha li ser ikollhom saċerdot fil-familja! Din hija waħda mill-ikbar grazzji li Alla jagħti lill-familja. Kemm hu ta' unur u ta' ferħ anke għal din il-Komunità Parrokkjali li bl-eżempju u bit-talb żgur għenet il-vokazzjoni ta' Fabio! Kemm hu ta' unur, ta' ferħ u ta' ġid għall-Knisja u għall-Kongregazzjoni Sależjana!*

*Xi jfisser għeżież ħuti, li Fabio ser isir Saċerdot? Hu ser ikun konsagrat, li jfisser li ser isir persuna sagra, persuna li fuqha Alla ser ipoġġi idejh, persuna li Alla għażel għalih. Ser isir persuna magħżula u sagra għal Alla. Dan ifisser il-frott ta' imħabba partikolari ta' Alla. Alla jħobbna b'imħabba partikolari u jħobb lil kulħadd; imma meta jagħżel lil xi ħadd biex ikun saċerdot, lil dan ikun iħobbu b'imħabba speċjali. Lill-Appostli tiegħu Ġesù qalilhom: "Ma nsejħilkomx iktar qaddejja, insejħilkom ħbieb". Is-saċerdot hu ministru t'Alla, qaddej tal-Mulej, imma hu fuq kollox il-ħabib ta' Alla, wieħed li qiegħed viċin t'Alla u għalhekk irid irawwem f'ħajtu f'ħidmietu, imħabba kbira lejn il-Ħallieq, li lilu għażel, li lilu ħabb u li lilu aal biex jimxi warajh.*

*Fil-Vanġelu ta' San Ġwann, fir-rakkont ta' l-Aħħar Ċena, naqraw li Ġesù, li ħabb lil tiegħu fuq l-art,*

jkompli f'paġna 6



*L-E.T. il-Kardinal Lara jidher ipoġġi idejh fuq Dun Fabio Attard waqt l-Ordinazzjoni Saċerdotali.*

# Iż-Żjara tal-Kard. Lara fil-Bażilika tagħna

Din is-sena l-festa ta' San Ġorġ infetħet b'Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Rosalio Castillo Lara li matulha ordna saċerdot lis-Sależjan Fabio Attard, membru tal-Komunità Parrokkjali tagħna. F'Din il-konċelebrazzjoni ta' dan il-Kardinal Sależjan ingħaqdu wkoll membri tal-Komunità Sależjana f'Malta u Sależjani oħra li ġew apposta minn barra.

Il-Kardinal Lara, waqt iż-żjara tiegħu f'Għawdex, għamel żjara ta' kortesija lill-E.T. Mons. Isqof fis-Seminarju Qalb ta' Ġesù. Il-Kardinal mexxà wkoll Konċelebrazzjoni fis-Santwarju Ta' Pinu f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mindu ġew f'Għawdex is-Sorijiet Sależjani.

Ħarġu erba' vokazzjonijiet Sależjani u minħabba l-fatt li kien fil-Bażilika tagħna li kienet tiġi ċelebrata l-festa ta' San Ġwann Bosco anke qabel ma kienu ġew is-Sależjani f'Għawdex.

Il-parroċċa tagħna wkoll tat rigal lill-Kardinal li kien ritratt bil-kulur ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fi 'frame' tal-fidda. Dan ir-rigal ġie preżentat minn Mons Arċipriet f'isem il-komunità parrokkjali tagħna.

Wara l-Konċelebrazzjoni Pontifikali l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal flimkien mal-Kapitlu u kleru tagħna, mal-komunità Sależjana, kif ukoll mal-Onor. Anton Tabone Ministru għal Għawdex, kien mistieden għal bibita fiċ-Ċentru Parrokkjali tagħna.



Il-Kardinal Lara flimkien mal-Kapitlu u Kleru fl-Awla Kapitolari.

Ikbar attività tal-Kardinal kienet l-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Sależjan fil-Bażilika tagħna, li saret is-Sibt 4 ta' Lulju 1987. Il-Kardinal Lara ġie mwassal proċessjonalment mill-Kapitlu Ġorġjan mill-Kurja ta' l-Isqof sal-Bażilika tagħna fejn Mons Arċipriet għamillu diskors ta' merħba. Waqt il-Konċelebrazzjoni Pontifikali kanta l-kor tal-Parroċċa tagħna 'Laudate Pueri' taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġorġ Frendo. L-Omelija li għamel il-Kardinal f'din l-okkażżjoni qed tiġi pubblikata f'parti oħra ta' din ir-rivista.

## Tliet Relikwi

Fi tmiem il-quddiesa l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Lara ppreżenta rigal lill-Parroċċa tagħna mingħand ir-Rettur Maġġur tas-Sależjani u li ġie mwassal Għawdex minn Dun Charles Cini S.D.B. Dan ir-rigal kien jikkonsisti f'ostensorju u tliet relikwi għeżież. Ir-Relikwi huma ta' Don Bosco, ta' San Domenico Savio u ta' Santa Marija Mazzarello. Nistgħu ngħidu li l-parroċċa tagħna kien jixirqilha dan ir-rigal l-ewwelnett għax minnha ġa



Il-Kardinal Lara jidher jagħti r-Relikwi ta' Don Bosco, ta' San Domenico Savio u ta' Santa Maria Mazzarelli lil Mons Arċipriet. Jidher ukoll bil-wieqfa fejn il-Kardinal Dun Charles Cini S.D.B.

## *Rokna għat-Tfal*

# LURA LEJN L-ISKOLA



Meta tkunu qed taqraw din ir-rokna dedikata lilkom tkunu ser tiltaqgħu biex tirritornaw lejn l-iskola wara l-vaganzi sbieħ u twal tas-sajf. Ħafna minnkom ser ikunu biddlu l-iskola. Oħrajn ikunu telgħu fi klassi għola u dawk il-ftit, u huma veru ftit li ma tawx każ, ikollhom jirrepetu l-klassi. Għal kull wieħed u waħda minkom, hu x'inhu l-każ ser tibda sena ġdida ta' xogħol u ta' tagħlim.

Fil-bidu ta' kull sena ħafna arahom jibdew tajjeb u għal ftit jiem u forsi ġimgħat jkomplu sejrin tajjeb. Imma, jaħasra, meta jgħaddi ftit taż-żmien u l-ħajja ta' l-iskola tindara, nerġgħu naqgħu fl-iżbalji li nkunu wettaqna is-sena ta' qabel. Jeħtieġ li l-entużjażmu li nuru fl-ewwel ġranet ta' l-iskola jibqa' magħna matul is-sena kollha, biex meta jasal Ġunju nkunu kuntenti bir-riżultati li niksbu.

Jekk nagħmlu ħilitna nkunu qed nirringrazzjaw lill-mama' u lill-papa' ta' tant sagrifiċċji li jagħmlu għalina matul is-sena biex ikunu jistgħu jipprovdulna kollox matul is-sena skolastika. Jekk tagħmlu mpenn u tistudjaw, dan ma tkunux qed tagħmluh għat-teachers tagħkom, li għalkemm ikunu jixtiequ li kulħadd jimxi 'l quddiem, fl-aħħar mill-aħħar huma jagħmlu ħilithom imbagħad, araw intom. Jekk tagħmlu ħilitkom ikun l-iktar li jiswa lilkom u lilkom biss. Għad jgħaddi ż-żmien u dawk fostkom li jkunu traskuraw ix-xogħol ta' l-iskola għad jiddispjaċihom u jkunu jixtiequ li għad baqgħalhom ċans li jerġgħu, bħalma ser tkunu intom, jgħaddu x-xhur fuq il-bankijiet ta' l-iskola. Mela għamlu ħilitkom u titilfux żmien. Is-sena tgerbeb u malajr jerġa' jasal is-sajf li tista' tgħaddieh moħħok mistrieħ jekk ikollok riżultati tajbin, inkella tkun imdejjaq tara lil sħabek kuntenti u int le.

Qabel nispiċċa rrid infakkarkom fil-laqgħat li jsiru għalikom fil-parroċċa tagħna. Qisu li tiġu għal kull laqgħa. Il-laqgħat li jsiru dejjem ikunu ta' tagħlim. Irrid inħeġġiġkom speċjalment biex terġgħu tibdew tattendu għall-quddiesa tagħkom ta' nhar ta' Ħadd fid-9.00 a.m. Tajjeb tifhmu li din il-quddiesa qed issir biex intom tidraw tisimgħu quddiesa sewwa u nħeġġukom tieħdu sehem attiv fil-quddiesa billi jkun hemm minkom min jaqra xi lezzjoni, jwassal l-offerti fuq l-artal, jgħin il-quddiesa u jgħin fi ħwejjeġ oħra.

Fl-aħħarnett infakkarkom fid-Duttrina. Mhux billi tkun għamilt il-Preċett jew il-Griżma ta' l-Isqof jeħtieġ li nibqgħu nitgħallmu dwar il-fidi tagħna għax jekk nittraskuraw għad forsi jiġi żmien li ma nkunu kapaċi nilqgħu l-attakki ta' dawk li ma jħobbux lil Alla. Ftakru li t-tagħlim qatt mhu telf ta' żmien.

*Tata',*
*Iz-Ziju Peppi*

jaqbad minn paġna 5

*ħabbhom sa l-aħħar. U mbagħad bħala turija ta' din l-imħabba Ġesù ħallielna l-Ewkaristija u s-Saċerdozju, żewġ mirakli li joħorġu mill-imħabba infinita ta Alla għalina. Is-Saċerdozju għalhekk huwa ukoll preżenza t'Alla fostna bħalma hi l-Ewkaristija għax fihom tidher il-ħniena t'Alla u huma l-frott ta' l-imħabba tiegħu. Għalhekk is-saċerdot, li verament irid jissejjaħ saċerdot, irid ikun wieħed li mhux biss hu maħbub minn Alla, li mhux biss iħobb lil Alla, imma wieħed li jħobb bħalma jħobb Alla, għax il-funzjoni tiegħu hija li jwassal l-imħabba t'Alla għand ħutu l-bnedmin, għand dawk li għandhom bżonn.*

*Minħabba f'hekk is-saċerdot jiġi fdat bil-grazzji kollha ta' l-imħabba t'Alla li joħorġu mis-sagramenti mqaddsa. Is-saċerdot jaħfer b'dik l-imħabba kollha ħniena li hi ferm iktar qawwija mid-dnubiet tagħna. Is-saċerdot jagħti l-Ħobż tal-Ħajja li hu l-imħabba t'Alla realment preżenti fostna. Is-saċerdoti iqaddes l-imħabba ta' l-għarajjes bis-siġill ta' l-imħabba t'Alla li tgħaqqadhom flimkien għal dejjem biex ikunu jistgħu jiffurmaw familja. U meta xi ħadd ikun wasal biex iħalli din id-dinja fi tmiem ħajtu, isib maġenbu s-saċerdot biex jassigura li l-imħabba t'Alla tibqa' magħna sa' l-aħħar nifs ta' ħajjitna. Is-saċerdot għalhekk, irid jitgħallem iħobb bħal Alla biex jkun jista' jwasslilna l-imħabba tiegħu f'kull waqt.*

*Dan hu Ħuti x'ser isir Fabio u li intom għandkom tgħinu bit-talb tagħkom ħa jseħħ: imwieled mill-imħabba t'Alla fostna l-bnedmin. Imma Fabio hu wkoll Sależjan u tidher f'ħajtu u ħidmietu aspett partikolari ta' l-imħabba ta' Ġesù. Ġesù kien iħobb b'imħabba speċjali lit-tfal u kien jgħid:" Ħallu lit-tfal jiġu għandi għax tagħhom u ta' bħalmin hu bħalhom hi s-Saltna tas-Sema". U Don Bosco, il-fundatur missierna, ta l-ħajja lil dan il-kliem ta' Ġesù, billi għex għat-tfal, speċjalment għaż-żgħażagħ l-iktar foqra u abbandunati. U Fabio bħala Sależjan ser jiret din il-parti mill-missjoni tal-Knisja: jaħdem maż-żgħażagħ u għaż-żgħażagħ. Għalhekk irid iġorr miegħu l-imħabba li Ġesù wera għaż-żgħar.*

*Il-lejla, f'din il-Bażilika ta' San Ġorġ, splendenti u mill-isbaħ, waqt li qed niċċelebraw il-ħamsa u għoxrin anniversarju tal-miġja tas-Sorijiet Sależjani u fil-ftuħ tal-festi ċentinarji mill-mewt ta' Don Bosco, Fabio ser isir Saċerdot. Li jsir saċerdot mhix għażla tiegħi, għażla umana; hija miraklu. U l-Ispirtu s-Santu li ser jinżel f'qalbu u f'ruħu ser iħalli hemm marka lima titħassar qatt, il-karattru saċerdotali.*

*Għalhekk, ħuti, waqt li nifirħu miegħu; mal-familja tiegħu; waqt li ommu u missieru ċertament qed jaraw li waslu sal-quċċata tal-ministeru tagħhom ta' ġenituri għax binhom ser isir kollu kemm hu ta' Alla bl-Ordinazzjoni Saċerdotali; waqt li din il-komunità tifraħ, nitolbu li l-Ispirtu s-Santu jinżel permezz ta' idejja u tal-ministeru tiegħi fil-qalb u fir-ruħ ta' Fabio biex isir saċerdot għal dejjem. J'Alla hu jkollu l-persveranza biex ikun saċerdot tajjeb u fidil lejn il-ministeru tiegħu u jkabbar ġo qalbu din l-imħabba kbira għaż-żgħażagħ, biex iħobb kif kien iħobb Ġesù u kif Don Bosco tgħallem mingħand Ġesù jħobb liż-żgħażagħ, b'dedikazzjoni totali u bla limiti, sa tmiem ħajtu.*

*Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu.*

# ASTRA TOURS 1987

L-attivitajiet tas-Soċjetà "La Stella" ma jieqfu qatt u matul is-sajf barra s-servizzi li l-banda tagħti f'diversi bliet u rħula, kif ukoll l-attivitajiet ta' l-Astra Folk Group, isiru wkoll ġiti għall-Ewropa li llum saru ferm popolari mal-Maltin u l-Għawdxin. Nistgħu ngħidu li l-isem "Astra Astra" huwa garanzija ta' ġranet ta' divertiment u mistrieħ mill-aqwa.

Matul is-Sajf li għadda saru tliet ġiti sbieħ li lkoll kienu ta' sodisfazzjon għal min ħa sehem fihom. L-ewwel tour kien jinkludi lil Franza, l-Iżvizzera u l-Italja bi żjajjar prinċipali f'Ġeneve, Pariġi u Lourdes, fil-waqt li it-tieni tour kellu dawra sabieħa f'uħud mill-isbaħ bliet Taljani kif ukoll żjara lill-belt ta' Lugano fl-Isvizzera. It-tielet tour li ġie organizzat kien jinkludi bħala pajjiżi lill-Italja, il-Grecja, il-Jugoslavja, it-Turkija, u l-Bulgarija. Il-ġitanti kollha waqt it-tliet tours ħarġu sodisfatti bil-mod eċċellenti kif kienu organizzati dawn il-ġiti.

Għax-xitwa l-Astra Tours qed joffru ħarġa oħra, din id-darba għall-LONDRA. Dan it-Tour ser jinżamm bejn id-29 ta' Diċembru 1987 u l-4 ta' Jannar 1988. Il-booking għal dan it-tour jista' isir għand is-Sur Paul M. Cassar (551004) jew għand John Portelli Ltd. f'Għawdex (556236) jew Malta (627016).



Il-Grupp ta' ġitanti li ħadu sehem fl-Astra Tour No. 2 ta' dan is-sajf.

# Żewġ Stendardi Ġodda Lis-Soc. La Stella



Żewġ stendardi ġodda, wieħed tal-belt ta' Toronto fil-Canada, u l-ieħor tal-Brazil, ġew regalati lis-Soc. Fil. La Stella t'Għawdex fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġorġ, li ġiet iċċelebrata fil-belt Victoria f'Lulju.

Iż-żewġ stendardi ngħataw lis-Soċjetà fuq inizjattiva ta' erba' emigranti Ġorġjani fl-Amerika u l-Canada: dak tal-Brazil mis-Sur Joseph Farrugia u dak ta' Toronto minn Chev. Ignatius Saliba u s-sinjuri Tony Sacco u Emanuel Abela. Il-preżentazzjoni saret quddiem il-Bażilika ta' San Ġorġ fil-ftuħ ta' wieħed mill-marċi tal-festa, lis-Segretarju Ġenerali li tas-Soċjetà, is-Sur Pawl M. Cassar.

Waqt iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni Chev. I.Saliba wassal messaġġ ta' xewqat tajba mill-Mayor tal-belt ta' Toronto, Mr Arthur C. Eggleton.

F'kelmtejn li għamel is-Sur Cassar irringrazzja lil Chev. Saliba u sħabu l-emigranti għall-interess li baqgħu jieħdu fil-banda. Huwa kellu kliem ta' tifħir għal Mr Eggleton għall-messaġġ sabiħ li għoġbu jibgħat fl-okkażżjoni tal-festa. Is-Sur Cassar wassal l-isbaħ xewqat tiegħu lil Mr Eggleton u lill-emigranti kollha "tal-Istilla" mxerrda fl-Amerika u l-Canada.

Iż-żewġ stendardi ġew imbagħad imbierka mill-Arċipriet tal-Bażilika, Mons. Salv Borg. *(ritratt)*

Il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika "La Stella" jixtieq irodd ħajr lill-emigranti kollha kif ukoll lil **Miss Frances Borg** ta' l-għajnuna siewja tagħha fix-xogħol taż-żewġ stendardi.

# Il-Banda 'LA STELLA' għall-Festa ta' San Duminku fil-Belt Valletta

Għal darba oħra il-Banda Ċittadina 'La Stella' kienet mistiedna biex tieħu sehem fil-festi esterni li ta' kull sena jiġu ċelebrati f'ġieħ San Duminku ta' Gużman fil-Belt Valletta. Din is-sena il-Banda għamlet marċ grandjuż flimkien mal-Filarmonika "King's Own" tul Trieq ir-Repubblika lejlet il-festa ta' San Duminku nhar is-Sibt 8 t'Awissu 1987. Matul dan il-marċ iż-żewġ baned daqqew diversi marċi bħala 'massed band'. Numru sabieħ ta' partitarji akkumpanjaw lill-Banda tagħna f'dan is-servizz tagħha f'Malta.



Il-Banda 'LA STELLA' u l-Banda 'KING'S OWN' idoqqu marċi flimkien fi Trieq ir-Repubblika, Valletta.

# *Tifkira bir-Ritratti tal-Festa ta' SAN ĠORĠ 1987*



*Il-Kor 'Laudate Pueri' mmexxi minn Dun Ġorġ Frendo waqt is-serata 'Insellmulek Ġorġi Tagħna' li nżammet fil-Bażilika nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju 1987.*



*Dun Manwel Curmi jidher jirċievi l-offerti waqt il-quddiesa tal-Ġenerożità meta ġew offruti oġġetti ta' l-ikel u flus b'risq l-istituti t'Għawdex u d-djar tax-xjuħ immexxija mis-sorijiet fil-Belt Victoria.*



*Il-Kan.J.Mejlak, G.Pisani u Fr.L.Sciberras ħadu sehem fis-serata 'Insellmulek Ġorġi tagħna. Fr.Mejlak u Ġorġ Pisani qraw poeżiji tagħhom filwaqt li Dun Lawrenz Sciberras għamel diskors dwar il-kult bikri ta' San Ġorġ fl-Art Imqaddsa.*



*Il-Kor 'Chorus Urbanus' taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea waqt is-serata fil-Bażilika bl-isem 'Insellmulek Ġorġi tagħna'.*



*Il-Kardinal Castillo Lara jidher juri x-xbieha ta' San Ġorġ fi "frame" tal-fidda li ġie mogħti lilu fl-okkażżjoni taż-żjara tiegħu fostna li biha nfetħu l-festi ta' San Ġorġ 1987.*



*L-istatwa ta' San Ġorġ, l-ewwel statwa titulari t'Għawdex tidher waqt id-dħul meraviljuż wara l-purċissjoni pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof.*


## CALYPSO FAIR '87

***incorporating***

**MOTHER & CHILD FAIR**

NUMRU KBIR TA' STANDS ĠODDA

B'OFFERTI SPEĊJALI GĦALL-GĦAWDXIN

**TEATRU ASTRA**

***Il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd, 8, 9, 10 ta' Ottubru 1987***